**A.L. 429 ta' l-2007**

**ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)**

**Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2007 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel l-ordni li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2007 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali, u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2008. Titolu u bidu fis-seħħ.

**2.** L-Inqas Paga Nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej: L-inqas Paga Nazzjonali.

Ta' età 18-il sena u fuqhom ..................... Lm 61.13

Ta' età 17-il sena .................................. Lm 58.22

Taħt is-17-il sena .................................... Lm 57.00

**3.** L-Inqas Paga Nazzjonali ta' impjegati *part-time* għandha tkun *pro rata* b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali *Standard* li tkun tapplika, kif stabbilita skond l-artiklu preċedenti u diviża b'erbgħin. Impjegati *part-time*.

**4.** Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil dak l-impjegat m'għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti minn dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'żjidiet suċċessivi ta' pagi dikjarati bħala ġeneralment applikabbli għall-impjegati *whole-time* kollha skond l-artikolu 8 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'żjidiet fil-pagi suċċessivi għall-għoli tal-ħajja stabbiliti b'xi ordni ta' *standard* nazzjonali. Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.